MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-9 ta' April, 2007

Numru. 273/2007

Il-Pulizija
(spettur Mario Tonna)
vs
George Bruno

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli fis-7 ta' April 2007, gewwa Ta' Qali, ghal habta tat-8.00pm:

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe fuq il-persuni tal-ispetturi N Grixti u il-Maggur 86 A Lia;
2. Ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed

jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe fuq il-persuni tal-istess ufficjali tal-pulizija msemmija fl-akkuza hawn fuq indikata;

3. Hebb ghall-istess ufficjali pubblici msemmija sabiex jingurja jew jaghmlilhom hsara;

4. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija jew ma halliex, jew fixkel, waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod, bla jedd, indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-korp tal-pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-korp tal-pulizija bhala awtorita kienu ghamlu;

5. Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

6. Qal kliem mhux xieraq li jikkonsissti f'dagha;

7. Uza kliem offensiv lejn membri tal-korp tal-pulizija msemmija aktar il-fuq fl-akkuza.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni biex, f'kaz ta' htija, minbarra l-piena, torbot lill-imsemmi George Bruno b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti, u dan ghas-sigurta tal-imsemmija Ufficjali pubblici tal-Korp tal-Pulizija skond l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-akkuzat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni li jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali.
Semghet lill-akkuzat, minn jeddu, jammetti l-akkuzi.

Issibu hati talli fis-7 ta' April 2007, gewwa Ta' Qali, ghal habta tat-8.00pm:

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe fuq il-persuni tal-ispetturi N Grixti u il-Maggur 86 A Lia;

2. Ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew

bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe fuq il-persuni tal-istess ufficjali tal-pulizija msemmija fl-akkuza hawn fuq indikata;
3. Hebb ghall-istess ufficjali pubblici msemmija sabiex jingurja jew jaghmlilhom hsara;
4. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija jew ma halliex, jew fixkel, waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod, bla jedd, indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-korp tal-pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-korp tal-pulizija bhala awtorita kienu ghamlu;
5. Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
6. Qal kliem mhux xieraq li jikkonsissti f'dagha;
7. Uza kliem offensiv lejn membri tal-korp tal-pulizija msemmija aktar il-fuq fl-akkuza.

Rat l-artikoli 92, 95, 96, 339 (d), 338 (ee), 338 (dd), 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 7 tal-legislazzjoni sussidjarja 10.33 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Ikkunsidrat:</u>
1) Il-fedina penali netta ghal kollox tal-akkuzat;
2) L-ammissjoni bikrija sottomessa mill-akkuzat;
3) Il-fatt li l-akkuzat skuza ruhu tal-incident kollu;

Il-Qorti tara li minflok il-piena, b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tordna li l-akkuzat jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur milum.

In oltre, b'applikazzjoni tal-Avviz Legali 88 tal-1978 tipprojbixxi lill-akkuzat li ma jidholx f'kull 'ground' tal-isport ghal zmien sena milun.
Is-sentenza giet spjegata lill-akkuzat.
Il-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien moghti mill-ligi.

Alan Calleja

Kopja Informali ta' Sentenza

Deputat Registratur       Veru Kopja       Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------